A.L. 215 ta' l-2003

ATT DWAR IL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI (KAP. 403)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Drittijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 64 ta' L-Att dwar il-Kummer ta' l-Assigurazzjoni, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu ubidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Drittijiet), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1999 dwar il-Kummer ta' l-Assigurazzjoni (Drittijiet), hawnhekk izjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 139ta' l-1999.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2004.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Paragrafu (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira ta' "l-Att" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "l-Awtorità" " tfisser l-awtorità kompetenti maħtura taħt l-artikolu 3 ta' l-Att;"; u

(b) it- tifsira ta' "Ċentru" għandha titħassar, u minflok il-kelma "Ċentru" kull fejn tidher fir-regolamenti prinċipali, għandha tidħol il-kelma "Awtorità".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok paragrafu (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"5. (1) Bla ħsara għall-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, meta jintbagħtu dikjarazzjonijiet dwar kummerċ ta' l-assigurazzjoni taħt l-artikolu 32 ta' l-Att -

(a) fil-każ ta' kumpannija li tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni, il-kumpannija għandha tħallas lil-Awtorità d-dritt speċifikat fit-tieni kolonna tat-Tabella A tat-Taqsima III ta' l-Iskeda, skond l-ammont tal-*premiums* gross li għandhom jiġu riċevuti minnha għas-sena kalendarja li magħha huma marbutin id-dikjarazzjonijiet mibgħuta;

(b) fi-każ ta' kumpannija li tagixxi bħala aġent fl-assigurazzjoni, il-kumpannija għandha tħallas lil-Awtorità d-dritt speċifikat fit-tieni kolonna tat-Tabella B tat-Taqsima III ta' l-Iskeda, skond l-ammont tal-kummissjonijiet gross li għandom jiġu riċevuti minnha għas-sens kalendarja li magħha huma marbutin id-dikarazzjonijiet mibgħuta.".

JemendaTaqsima II ta' I-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok paragrafu (2) tat-Taqsima II ta' l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"2. awtorizzazzjoni biex taġixxi	200 u
ta' *manager* fl-assigurazzjoni	150
	kull ħatra."

Jemenda Taqsima III ta' l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok Taqsima III ta' l-Iskeda tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Taqsima III

Drittijiet dwar għoti ta' dikjarazzjonijiet kummerjali

Tabella A

Dikjarazzjonijiet kummerċjali ta' l-assiguraturi -

L- Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
	Dritt Lm
Premiums gross li għandhom jigu riċevuti:	
Sa u jinkludu Lm1,000,000	1,750
Aktar minn Lm 1,000,000 sa u jinkludu Lm 1,500,000	2,000

Aktar minn Lm 1,500,000 sa u jinkludu Lm 2,000,000	2,500
Aktar minn Lm 2,000,000 sa u jinkludu Lm 3,000,000	3,500
Aktar minn Lm 3,000,000 sa u jinkludu Lm 5,000,000	4,000
Aktar minn Lm 5,000,000 sa u jinkludu Lm 10,000,000	5,000
Aktar minn Lm10,000,000	6,500

Tabella B

Dikjarazzjonijiet kummerċjali ta' l-aġenti fl-assigurazzjoni -

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna Dritt Lm
Kummissjonijiet gross li għandhom jiġu riċevuti:	
Sa u jinkludu Lm100,000	450
Aktar minn Lm100,000 sa u jinkludu Lm200,000	550
Aktar minn Lm200,000 sa u jinkludu Lm300,000	650
Aktar minn Lm300,000 sa u jinkludu Lm400,000	750
Aktar minn Lm400,000 sa u jinkludu Lm500,000	850
Aktar minn Lm500,000 sa u jinkludu Lm750,000	1,000
Aktar minn Lm750,000 sa u jinkludu Lm1,000,000	1,250
Aktar minn Lm1,000,000	1,500".